MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 282/2004

**Melita Marine Distribution Limited (C23510)**

**Vs**

**Malta Yacht Manufacturing Limited (C29073)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf mija w erbghin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm1,140.47c) rapprezentanti valur ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, pprezentat Risposta fejn eccepiet illi l-ammont reklamat mill-kumpanija attrici m'huwiex dovut mill-kumpanija konvenuta izda minn certu Ken Donaldson li meta ghamel l-ordnijiet ma kienx qed jagixxi ghan-nom ta' l-eccipjenti u

ghalhekk iddikjarat li hemm lok ghall-kjamata fil-kawza ta' l-imsemmi Ken Donaldson.

Sema' x-xhieda ta' Lawrence Hili.

Ra d-digriet tas-17 ta' Gunju, 2004 fejn giet michuda t-talba ghas-sejha fil-kawza ta' Ken Donaldson, liema digriet gie affermat b'digriet iehor tal-4 ta' Novembru, 2004.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mix-xhieda ta' Lawrence Hili jirrizulta li l-ordnijiet kienu jsiru minn certu Ken Donaldson li ddikjara li qed jirrapprezenta lis-socjeta' konvenuta u fil-fatt il-konsenji kienu jsiru fil-post fejn l-istess kumpanija qed taghmel xoghol fil-Marsa Shipyard. Huwa ddikjara li meta ssir konsenja, d-*delivery note* tigi ffirmata mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta fosthom l-istess Ken Donaldson.

Jirrizulta li l-merkanzija giet ordnata u kkonsenjata u l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ra li s-socjeta' konvenuta ma pproduciet l-ebda provi biex tirribatti din l-affermazzjoni u konsegwentament it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jiddikjara li mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-bejgh in kwistjoni sar lis-socjeta' konvenuta u mhux lil Ken Donaldson personalment.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija w erbghin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm1,140.47c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------